

Emenda 147

Rina Ronja Kari, Jaromír Kohlíček, Nikola Vuljanić
fisem il-Grupp GUE/NGL

Rapport

A7-0095/2014

Marian-Jean Marinescu

L-Implimentazzjoni tal-Ajru Uniku Ewropew
COM(2013)0410 – C7-0171/2013 – 2013/0186(COD)

Proposta għal regolament**Artikolu 10 – paragrafu 2***Test propost mill-Kummissjoni**Emenda*

2. L-Istati Membri **għandhom jieħdu** l-miżuri neċessarji kollha biex jiżguraw li l-forniment ta' servizzi ta' traffiku tal-ajru jkun separat mill-forniment ta' servizzi ta' appoġġ. Din **is-separazzjoni għandha tinkludi r-reqwiżit li s-servizzi tat-traffiku tal-ajru u s-servizzi ta' appoġġ ikunu pprovduti minn impriżi separati.**

2. L-Istati Membri **jistgħu jirrikjedu li jittieħdu** l-miżuri neċessarji kollha biex jiżguraw li l-forniment ta' servizzi ta' traffiku tal-ajru jkun separat mill-forniment ta' servizzi ta' appoġġ, **wara li ssir valutazzjoni tal-impatti soċjali ta' tali separazzjoni. Skont din il-valutazzjoni, meta jkunu qed ifasslu l-pjanijiet ta' negozju tagħhom, il-Provvedituri ta' Servizzi ta' Navigazzjoni bl-Ajru għandhom iqisu offerti minn diversi provvedituri ta' servizzi ta' appoġġ, bl-għan li jeżaminaw l-iktar provveditur li joffri benefiċċji finanzjarji u kwalitattivi. Il-korp għar-reviżjoni ta' prestazzjoni previst mill-Artikolu 11(2) għandu jissorvelja l-konformità ma' dan il-paragrafu meta jkun qed jivvaluta l-pjanijiet ta' prestazzjoni.**

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-Istati Membri għandhom ikunu intitolati jivvalutaw jekk il-provvista ta' servizzi tat-traffiku bl-ajru tistax tkun separata mill-provvista ta' servizzi ta' appoġġ, wara valutazzjoni profonda tal-konsegwenzi soċjali ta' tali separazzjoni: Għalhekk il-pjanijiet ta' negozju kkonċernati għandhom iqisu l-impatt ekonomiku, finanzjarju u soċjali tal-offerti mressqa mid-diversi provvedituri ta' servizzi ta' appoġġ.

